**9 ta' Lulju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Dr. Joseph Vella, LL.D., et.

**Lokazzjoni — Sullokazzjoni — "Sid" — Manutenzjoni u Tiswija tal-Bini — "Water Closet" — Art. 2 u 104 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Is-sid ta' kull bini għandu d-dmir li jżomm fi stat tajjeb ta' tiswija l-"water closet", mingħajr ma l-liġi tiddistingwi fuq l-użu li jkun qiegħed isir mill-fond.*

*U l-kelma "sid", użata dwar beni immobili, tinkludi kull persuna li tidher għas-sid fl-amministrazzjoni tal-fond, jew li tkun*

*taġixx: f'isem is-sid, jew tkun ħadet il-kwalità ta' sid skond iċ-ċirkustanzi.*

*Jekk l-amministratur ta' fond jikrieħ lil persuna, u din tissullokaħ lil persuna oħra mingħajr rikonoxximent da parti tal-amministratur, l-amministratur hu responsabbli għattiswij et bħala amministratur, u l-inkwilin hu responsabbli għall-istess tiswijiet in kwantu jkun assuma l-kwalità ta' sid meta ssulloka l-fond mingħajr ma ġie meħlus mill-obligi tiegħu ta' lokatarju.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors ta' Dr. Joseph Vella u l-ieħor ta' Francesco Fenech, li bih appellaw mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta tal-11 ta' Ġunju 1958, fejn talbu li jiġu liberati minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-imsemmija sentenza, li biha l-appellanti ġew misjuba ħatja li f'dawn il-ġranet naqsu li jżommu l-fliskatur tal-"water closet" tal-fond nru. 192 Eucharistic Congress Street, Mosta, fi stat tajjeb ta' tiswija, u ġew kundannati kull wieħed għall-ammonizzjoni u riprensjoni, bi żmien tmien tijiem biex juniformaw ruħhom mall-liġi, taħt penali ta' 2s.6d. kuljum f'każ ta' nuqqas, salvi r-rapporti tagħhom ċivili;

Eżaminat l-atti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Sanitarju Aldo Vella li l-fliskatur tal-"water closet" tal-post 192 Eucharistic Congress Street, Mosta, kien kompletament miksur u ma jistgħax jintuża, u li fil-fond jabitaw ħdax il-persuna;

Irriżulta li l-appellant Dr. Vella, bħala amministratur tal-fond, kien krieħ lill-appellant Francesco Fenech, li wara xi sentejn issullokaħ lill-familja Micallef li qegħedha tużaħ għall-abitazzjoni;

Dr. Vella ma kkonoxxiex lis-subinkwilin, u b'intiża ma'

Fenech baqa' jagħmel l-irċevuti tal-kera f'isem Fenech. Dr. Vella, kemm ukoll Francesco Fenech, ġew avviċinati għat-tiswija tal-fliskatur, però bla riżultat;

Ikkunsidrat;

Hu dmir tas-sid ta' kull bini li jżomm fi stat tajjeb ta' tiswija l-"water closet" (art. 104 Liġijiet tal-Pulizija), u l-liġi ma tiddiskriminax fuq l-użu li jkun qed isir mill-fond;

Skond *il-liġi (art. 2 ibid.)*, *l-espressjoni "sid"*, użata dwar beni immobili, tinkludi kull persuna li tidher għas-sid fl-amministrazzjoni tal-fond, jew li tkun taġixxi f'isem is-sid, jew tkun ħadet il-kwalità ta' sid skond iċ-ċirkustanzi. L-oġġett tat-tutela penali f'dan il-każ jirrigwarda l-iġjene u s-saħħa publika; għalhekk il-liġi tobliga tant lis-sid jew il-persuna li tidher għalieh fl-amministrazzjoni tal-fond, kemm lil min ikun assuma l-kwalità ta' sid, biex ikun salvagwardat aħjar u malajr l-interess tutelat;

Għalhekk, salvi r-rapporti ċivili, l-appellant Dr. Vella huwa responsabbli fil-kwalità tiegħu ta' amministratur; mentri l-appellant Fenech huwa responsabbli in kwantu assuma l-kwalità ta' sid meta ssulloka l-fond, u lanqas ma ġie meħlus mill-obligu tiegħu ta' lokatarju;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.